A.L. 18 ta' l-1989

ATT TA' L-1976 DWAR ID-DAZJI TA' IMPORTAZZJONI

(ATT NRU. XXV TA' L-1976)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Hanut Hieles minn Dazju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 32 ta' l-Att ta' l-1976 dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Hanut Hieles minn Dazju, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1974 dwar Hanut Hieles minn Dazju, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 71 ta' l-1974.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) it-tifsira ta' "ħanut ħieles minn dazju" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "ħanut ħieles minn dazju" tfisser post f'inħawi approvati mill-Kontrullur, liema post, skond liċenza maħruġa mill-imsemmi Kontrullur, hu wżat biex fih jinżammu provvisti ta' oġġetti għal bejgħ lil passiġġieri intitolati, li jkunu se jsiefru u li jkunu ġejjin minn barra;"; u

(b) it-tifsira ta' "passiġġieri intitolati li jkunu se jitilqu" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "passiġġieri intitolati" tfisser persuni li jitilgħu abbord inġenju ta' l-ajru jew tal-baħar għal destinazzjoni barra minn Malta jew persuni li jaslu minn post li jkun barra minn Malta, iżda ma tinkludix membri ta' l-ekwipaġġ ta' dan l-inġenju ħlief meta dawn jivvjaġġaw mingħajr uniformi bħala passiġġieri ordinarji;".

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol ir-regolament ġdid li ġej:

"**5.** (1) Oġġetti ħielsa minn dazju għandhom jinbiegħu lil passiġġieri intitolati, li jkunu se jsiefru jew li jkunu ġejjin minn barra.

(2) (i) Fil-każ ta' passiġġieri intitolati li jkunu se jsiefru, fattura għandha ssir fi tliet kopji, kull kopja minnhom tkun ta' kulur differenti, u jkun fiha l-isem tal-passiġġier, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-bastiment u d-data.

(ii) Kopja waħda tal-fattura għandha tinżamm mill-operatur, kopja waħda tiġi mwaħħla mal-biljett ta' mbark tal-passiġġier u l-kopja l-oħra tiġi konsenjata lill-uffiċju tad-Dwana.

(3) Fil-każ ta' passiġġieri intitolati li jkunu ġejjin minn barra, il-fatturi għandhom isiru u għandu jkollhom fihom dawk il-partikolaritajiet li l-Kontrullur jista' jitlob.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok is-sub-paragrafu (2) tiegħu, għandu jidħol is-sub-paragrafu ġdid li ġej:

"(2) Il-pakk għandu jkollu bi stampar ċar l-istruzzjonijiet lill-passiġġier li l-pakkett ma għandux jiġi miftuħ qabel ma l-inġenju ta' l-ajru jew tal-baħar ikun telaq minn Malta, fil-każ ta' passiġġieri intitolati li jkunu se jsiefru u li l-pakkett ma għandux jiġi miftuħ qabel ma jiġi eżaminat mid-Dwana, fil-każ ta' passiġġieri intitolati li jkunu ġejjin minn barra.".